KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

26 t'Awwissu 2011

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sittin (60)Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sittin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Erbgha 3 t'Awwissu 2011 fis-1.30pm.**

Is-Sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. L-Arblu fuq id-Dar tal-Kunsill Lokali
6. Zjieda fi Djar residenzjali fil-Floriana
7. Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun
8. Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena
9. Website
10. Manteniment ta' sinjali u pannelli informattivi
11. Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!
12. FlorianaFest 2011
13. *Health and Safety* fil-bandli tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
14. L-Uzu tal-picc tal-futbol fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
15. Kunsill Lokali taz-Zghazagh
16. L-istazzjon tal-ferrovija tal-Floriana
17. Ħwejjeg Oħra
18. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-Sittin (60) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma. Il-Vici Sindku Franco Davies attenda wara materja nru 1.3.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tad-disgha u hamsin (59) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li l-minuti jibdew jigu ccirkolati iktar kmieni sabiex ikun hemm izjed hin biex jinqraw.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 13:45 Il-Vici Sindku Franco Davies attenda ghal-laqgha.**

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand ic-Chairman tal-Valletta Business Community Committee fejn ipproponew li l-parkegg ta' hdejn il-Fosos ma jibqax jithalla maghluq bejn attivita' u ohra minhabba li dan qed jikkawza problema ta' parkegg fil-Belt Valletta. Huma ssuggerew ukoll li l-Kunsill joggezzjona ghal attivitajiet imtellghin fuq il-Fosos sakemm jitlestew ix-xogholijiet li qed isiru fil-Belt Valletta. Is-Sindku Nigel Holland zied jistaqsi jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta ghall-bye-law li l-Kunsill kien ippropona sabiex jigi rregolat ahjar il-Fosos izda jidher li kien ghad m'hemm ebda risposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' s-suggeriment tal-Valletta Business Community Committee u jibda' jesiegi li l-parking area ta' magenb il-Fosos ma tibqax tinghalaq bejn attivita' u ohra u tibda tinfetah mill-ghada li ssir l-attivita'. Il-Kunsill qabel ukoll li ladarba l-bye-law dwar l-irregolar tal-Fosos tigi approvata, il-Kunsill ser ikollu iktar kontroll biex jirregolarizza l-uzu tal-Fosos u l-attivitajiet li jittellghu.

**Nota: 13:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Floriana Amateur F.C. fejn ipproponew li jtellghu Presentation Night konguntament mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jorganizza din l-attivita' konguntament maghhom u qabel li ghandu jiehu hsieb il-mobile toilets, Disco D-Ken, trophies u l-kirja tal-imwejjed u s-siggijiet, ghal spiza li ma tammontax ghal iktar minn €500.

**Nota: 13:55 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bi skema li kienu qed iniedu "Skema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar". Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema u jipproponi l-progett ta' ftuh ta' fossa li hemm fuq il-fosos, billi jsirilha ghatu tal-hgieg sabiex tkun t'attrazzjoni.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Young Stars Hockey Club fejn offrew lill-Kunsill proposta biex il-Kunsill jidhol "partner" f'attivitajiet li ser jigu organizzati, fosthom attivitajiet kulturali. Il-Kunsill qabel li jiehu hsieb jimpjega gwida li ddawwar it-tfal madwar il-Floriana sabiex jigi nstillat sentiment ta' patrijottizmu lejn il-lokalita' li jirrapprezenta l-klabb taghhom. Il-Kunsill qabel ukoll li jiehu hsieb it-trasport li m'ghandux jeccedi l-€450 fi stagun shih.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq sabiex l-isem ta' Triq V. Dimech jinbidel ghal dak shih ta' Triq Vincenzo Dimech. Il-Kunsill approva.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fiz-zona ta' fejn jarma l-monti, hemm soft area li tinsab mitluqa. Huwa ppropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti ghaz-zamma ta' din is-soft area. Il-Kunsill qabel li qabel ma tinhareg sejha ghall-offerti, il-Kunsillier responsabbli miz-zamma ta' gonna u soft areas, ghandu jdur mal-Floriana u jiehu nota tas-soft areas kollha fil-lokalita' sabiex ikunu jistghu jigu inkluzi kollha fis-sejha ghall-offerti li jmiss.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill iwahhal penali ta' €100 lill-Environmental Landscape Consortium ghan-nuqqas ta' zamma tas-soft area ta' hdejn il-Grand Hotel Excelsior. Il-Kunsill approva.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm hafna toroq minghajr isem, specjalment fiz-zona maghrufa bhala Belt il-Hazna. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ezercizzju biex jigi ddeterminat kemm-il triq hemm minghajr isem sabiex tkun tista' tittiehed azzjoni u jinghata isem lil kull wahda minn dawn it-toroq. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiccekkja dwar l-ismijiet ta' dawk iz-zewg toroq f'din iz-zona li kienu diga gew proposti isem izda l-Kunsill ma giex infurmat jekk l-ismijiet gewx approvati.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Ministeru ghas-Sahha, l-Anzjani u l-Kura fil-Komunita', fejn offrew lill-Kunsill jinnomina anzjan li ta kontribut siewi biex jghin u jtejjeb il-hajja ta' anzjani ohra fil-komunita'. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jipproponi lis-Sur Joe Sciberras issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, SSH, ET, NH, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex f'kaz li s-Sur Joe Sciberras jirrifjuta, il-Kunsill jipproponi lis-Sur George Borg, issekondat mill-Vici Sindku Franco Davies, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, SSH, ET, NH, FD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn informaw lill-Kunsill bi Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012 li kienu qed iniedu. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema u jipproponi l-attivita' ta' Celebrazzjoni f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna u l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Assistent Personali tal-Kap tal-Oppozizzjoni fejn informa li ghat-talba tal-Kunsill biex jiltaqa' mal-Kap tal-Oppozizzjoni Joseph Muscat gie ssuggerit li l-Kunsill jaghmel kuntatt mal-kelliem ewlieni Laburista ghall-gvern lokali Dr Stefan Buontempo.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Karl De Flavia u s-Sur Glenn Dalli fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jaghmlu struttura tal-injam temporanja li sservi ta' tinda fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob iktar dettalji u specifikazzjonijiet inkluz sketch ta' x'jixtiequ li jsir, qabel ma tkun tista' tittiehed decizjoni finali.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Ufficcju Parrokkjali fejn ipproponew li tittella' zjara f'Ghawdex konguntament mal-Kunsill u offrew li l-Kunsill jiehu hsieb it-trasport f'Malta u f'Ghawdex matul din iz-zjara. Il-Kunsill approva li jiehu hsieb it-trasport u qabel ukoll li ghandu jissuggerixxi lill-Ufficcju Parrokkjali biex fil-programm jizdiedu zewg zjarat kulturali, wahda f'Santa Lucija u l-ohra fil-post maghruf bhala l-Ghajn il-Kbira, fix-Xlendi.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand kuntrattur fejn talab l-permess tal-Kunsill biex jitpogga tower crane fi Triq l-Isqof Mauro Caruana ghal perjodu bejn 14 u 16-il gimgha sakemm jitlestew xogholijiet li ser isiru fl-Istitut Kattoliku. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni dejjem jekk jinkisbu l-permessi kollha necessarji bil-ligi.

2.16 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Floriana F.C. fejn ipproponew lill-Kunsill biex bhas-snin imghoddija tigi organizzata l-Greens Night konguntament mal-Kunsill, fejn il-Kunsill ghandu jiehu hsieb il-kirja ta' siggijiet, imwejjed u sawnd ghal matul l-attivita' li ser issir fit-18 t'Awwissu 2011. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb dawn l-ispejjez ghal ammont li ma jeccediex dak tas-snin imghoddija, jigifieri €1400.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Fund Raising Committee tal-Floriana F.C. fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex issir tombla fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill approva li ghal din id-darba ssir tombla bhala fund-raising.

2.18 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand St.Thomas Institute fejn talbu li jitnehha id-double yellow line li hemm quddiemhom u jerga' jsir spazju ta' parkegg bhalma kien hemm qabel. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika ghalfejn kien tnehha l-ispazju ta' parkegg qabel jiehu decizjoni.

2.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Antoine Farrugia ghal xoghol ta' tpoggija ta' kurduna mad-dawra tal-hamrija fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, total ta' €1160. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi b'din il-kwotazzjoni.

2.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Antoine Farrugia ghal xoghol ta' tnehhija ta' haxix hazin mill-wicc tas-swar u fit-truncieri li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u Gnien Sir Luigi Preziosi, total ta' €630 + VAT. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi b'din il-kwotazzjoni.

2.21 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill dwar kaz ta' karozza ta' resident Furjaniz li giet ittowjata minn Triq V. Dimech. Huwa zied jghid li t-tali resident meta mar ghall-karozza, sab li min kien ittowjaha kien qeridha. Is-Sindku spjega li l-Kunsill mexa fuq struzzjonijiet tal-Pulizija meta ttowja l-vettura.

2.22 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mis Sur Brian Zammit, Direttur tal-istazzjon Radju Vilhena li ppropona li l-laqgha tal-Kunsill tibda' tixxandar live ta' kull xahar fuq ir-radju. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni izda jekk jintalab xi hlas ghandha titressaq quddiem il-Kunsill.

2.23 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn diversi residenti li talbu li terga' ssir traffic calmer fi Triq il-Kapuccini kantuniera ma' Pjazza Robert Samut minhabba li din kienet tnehhiet. Il-Kunsill approva li ghandu jerga' jaghmel traffic calmer fi Triq il-Kapuccini ghas-sigurta' tar-residenti.

2.24 Is-Sindku ppropona wkoll li ssir *Stop Sign* u sinjali ohra tat-traffiku fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq il-Kapuccini. Il-Kunsill qabel nem.con.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku dwar x'ser isir mill-planters li hemm fi Gnien Vilhena li kienu jinsabu fi stat abbandunat. Is-Sindku wiegeb li kien gie avvicinat minn persuna li kien interessat jiehu hsiebhom. Il-Kunsill qabel li jitlob stima lil din il-persuna.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku dwar tinda ta' hanut fi Triq V. Bugeja/Dimech li kienet qed tghatti tabella tal-iskema ta' parkegg residenzjali. Il-Kunsill qabel li din it-tabella ghandha tinqala minn mal-hajt u titwahhal fuq arblu li jitpogga fil-kantuniera.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva risposta ghat-talba tieghu biex jitwahhlu il-bollards ta' hdejn Sarria. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ma kien ghadu rcieva l-ebda risposta. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikteb lill-Perit Bonnici u jesiegi li dawn il-bollards jergghu jitwahhlu.

3.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa lis-Sindku dwar talba ta' residenta li xtaqet li ssir railing mal-hajt tad-Dar tal-Kunsill ghall-uzu tal-anzjani li jzuru l-ufficcju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li ssir railing man-naha tax-xellug tal-entratura tal-Kunsill.

3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku dwar is-sitwazzjoni tal-qtates li hemm hdejn l-AGFA. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni biex jissaqqaf dan ic-cint sabiex ma jkunux jistghu jibqghu jintemghu il-qtates bit-tama li dawn il-qtates ma jibqghux jingabru fiz-zona.

**Nota: 15:15 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **55-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 15:17 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

4.2 Skond l-artikolu 32 tal-Ordni Permanenti, is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ghall-approvazzjoni pagamenti li waslu wara li giet iccirkolata l-iskeda, indikati bhala cekk nru 9797 sa 9834.

**Nota: 15:20 Is-Sindku Nigel Holland irritorna ghal-laqgha.**

4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv talab li jizdiedu zewg pagamenti; wiehed tas-Sur Wilson Mifsud ghal xoghol ta’ hasil ta’ toroq qabel il-purcissjoni tal-Qalb ta’ Gesu u l-iehor tas-Sur Donald Camilleri ghal bini ta’ cint fi Triq il-Fosos, total ta’ €94 u €915 rispettivament.

**Nota: 15:25 Il-Kunsillier Edward Torpiano rritorna ghal-laqgha.**

4.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Vici-Sindku Franco Davies, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 9748 sa 9834, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland u mill-Vici Sindku Franco Davies u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 L-Arblu fuq id-Dar tal-Kunsill Lokali

5.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-konsultazzjoni li kienet saret mal-Perit tal-Kunsill rigward xi konsenturi li tfaccaw fil-proprjeta’ tal-Kunsill u fil-proprjeta’ tas-Sur Toni Xuereb.

5.2 Wara verifika li saret mill-Perit, kien gie kkonfermat li tali konsenturi kienu kkawzati mill-arblu li hemm fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill u li tali arblu kellu jitnehha mill-aktar fis sabiex tigi evitata iktar hsara fil-bini.

5,3 Il-Kunsill qabel li ghandha tohrog sejha ghall-kwotazzjonijiet sabiex dan l-arblu jkun jista’ jitnehha mill-aktar fis.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jibghat ittra formali lill-Perit Joe Bugeja sabiex jispjega l-fatt li hu approva l-progett ta’ twahhil ta’ arblu fuq il-bejt tad-Dar tal-Kunsill u issa kien hu stess li qal li dan l-arblu kellu jitnehha. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-Perit sabiex jiddiskuti dan il-kaz mieghu u jirriserva d-dritt li tittiehed azzjoni legali kontrih jekk ikun hemm bzonn.

## 6.0 Zjieda fi Djar residenzjali fil-Floriana

6.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-progett ta’ housing ta’ hdejn il-Librerija Pubblika u saqsa lill-Kunsill ghal ideat ta’ x’jista’ jsir biex il-Kunsill jippromwovi dan il-progett.

6.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mal-Onor. Mario De Marco sabiex jigi diskuss jekk tistax issir bidla fil-pjan lokali minhabba li kif inhi l-ligi prezenti, jista' jkun hemm problemi fil-hrug ta' permess ghal dan il-progett.

## 7.0 Bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun

7.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja peress li kien hu li talab li din titpogga fuq l-agenda.

7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien gie nformat li l-progett ta' bini t'appartamenti fi Triq l-Argotti c/w Triq l-Iljun kellu jkun lest sal-ahhar tas-sena. Huwa kompla jghid li l-Housing Authority kienu offrew lill-Kunsill zewg alternattivi; jew li tinghata somma lill-Kunsill bhala kumpens tal-hsara li saret matul il-bini tal-progett jew li jsir xoghol fuq il-bankina ta' naha wahda tat-triq. Huwa kompla jghid li d-Dipartiment kien alloka ammont ta' flus li kien ser jaghti lill-Kunsill bhala rikumpens u f'kaz li l-Kunsill jiddeciedi li jaghmel bankina u l-ispiza tax-xoghol teccedi dik allokata mill-Housing, il-Kunsill kien ser ikollu johrog id-differenza.

7.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jmur fuq il-post u jqis l-alternattivi qabel ma tittiehed decizjoni finali.

7.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob laqgha mal-Perit tal-Housing u jitlob ukoll l-attendenza tal-Perit tal-Kunsill sabiex ikunu jistghu jigu diskussi l-kwotazzjonijiet ipprovduti.

## 8.0 Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena

8.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-crew ta' Deceduti kienu regghu ikkunsidraw il-kwotazzjoni li kienu taw lill-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx ma' din l-offerta' minhabba li z-zieda fil-prezz kienet iktar mid-doppju tal-kwotazzjoni precedenti u li n-numru ta' atturi kien inqas minn dak miftiehem qabel. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob laqgha ma' Take 2 biex tigi diskussa din l-offerta'.

8.2 Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill bil-kwotazzjoni tal-grupp Airport Impressions, total ta' €3000. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonferma l-grupp Airport Impressions ghall-attivita' ta' Celebrazzjoni Nazzjonali f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

8.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob kwotazzjonijiet lil xi bands muzikali ohrajn.

8.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lil Transport Malta u lill-Pulizija bl-attivita' malajr kemm jista' jkun sabiex ikunu jistghu jigu ottenuti l-permessi necessarji.

8.5 Rigward il-palk, il-Kunsill qabel li ghandu jarma l-palk bl-istess mod kif kien armat is-sena l-ohra u li l-armar tal-palk m'ghandux jibda qabel it-8.30am. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu johrog sejha ghall-offerti ghall-armar tal-palk fejn fiha jitlob hin stipulat ghat-tlestija tal-armar tal-palk u jinforma lill-offerenti li l-inqas offerent li jdum biex jarma l-palk jigi vvantaggjat fl-ghazla tal-offerti.

8.6 Il-Kunsillier Edward Torpiano ppropona li l-Kunsill jinkludi wkoll kwotazzjoni *optional* ghall-provvista ta' barrikadi fis-sejha tal-offerti. Il-Kunsill qabel.

8.7 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li bil-laqgha li saret mal-Onor. Chris Said fejn heggeg lill-Kunsill jirrikonsidra d-decizjoni tieghu li jorganizza l-attivita' separatament mill-Kunsill tal-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa' jinsisti li din l-attivita' tibqa' tigi organizzata separatament.

## 9.0 Website

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fakkar lill-Kunsill li l-website tal-Kunsill kellha bzonn tinbidel minhabba li ma tistax tigi aggornata.

9.2 Huwa kompla jghid li l-Kunsill ma kellux is-source files biex jirranga is-sit li diga ghandu u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet biex jinbena sit gdid.

9.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jigbor kwotazzjonijiet sabiex jinbena sit gdid ghall-Kunsill.

## 10.0 Manteniment ta' sinjali u pannelli informattivi

10.1 Is-Sindku talab lill-Vici-Sindku jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

10.2 Il-Vici-Sindku informa lill-Kunsill li hafna mis-sinjali u l-pannelli informattivi li hemm fil-lokalita' kellhom bzonn ta' manutenzjoni u tindif. Ghalhekk huwa ppropona li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti u jimpjega kuntrattur ghat-tindif u l-manutenzjoni tas-sinjali u *street furniture*. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minhabba li jhoss li dan ix-xoghol jista' jsir permezz ta' roster mill-haddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill.

## 11.0 Ġenna ta' Ġonna …u ħafna aktar!

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li hemm bzonn li ssir iktar promozzjoni biex tigi rreklama din l-attivita' sabiex terga' tkun success bhas-sena ta' qabel.

11.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-Events Co-Ordinator tal-Kunsill tiehu hsieb tikkuntattja xi entitajiet li jistghu ikunu interessati jiehdu sehem waqt din l-attivita'.

11.3 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jikkuntattja lil xi kumpaniji li joffru servizz ta' ferrovija simili ghal dik li hemm ir-Rabat u jitlobhom kwotazzjoni sabiex ikun jista' jigi pprovdut dan is-servizz dakinhar tal-attivita'.

## 12.0 Floriana Fest 2011

12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi residenti kienu pproponew li l-Kunsill jorganizza loghob bhal tug of war, ecc. waqt din l-edizzjoni tal-Floriana Fest. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jintroduci loghob simili u ghalhekk il-Kunsillier responsabbli ghandu jara kif jista' jorganizza dawn il-loghob matul il-FlorianaFest 2011.

12.2 Is-Sindku Nigel Holland informa li l-Kunsill kien ikkuntattja lir-rebbieh tal-Malta Song for Europe biex jippartecipa matul il-Floriana Fest, bhalma hi t-tradizzjoni ta' kull sena, izda sfortunatament Glen Vella kellu mpenji ohrajn u ma setax jattendi. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jistieden lir-runner up tal-istess kuntest minflok sabiex tibqa' tinzamm it-tradizzjoni ta' kull sena.

12.3 Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Edward Torpiano ghandu jiehu hsieb iressaq programm ghal din l-attivita' sabiex jigi approvat mill-Kunsill mill-aktar fis.

## 13.0 *Health and Safety* fil-bandli tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

13.1 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Vincent Borg jiftah id-diskussjoni minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

**Nota: 17:15 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

13.2 Il-Kunsillier Vincent Borg beda billi nforma lill-Kunsill li kien hemm xi attrezzamenti li kienu qeghdin fi stat mhux xieraq u li jistghu ikunu ta' periklu ghat-tfal li jaghmlu uzu minnhom. Ghalhekk, il-

Kunsillier Borg ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb jirranga dan l-ekwipagg minnufih qabel ma jwegga' xi hadd. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb li dawn jigu rrangati mill-aktar fis.

**Nota: 17:17 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

13.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien hemm talba biex issir see-saw fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill approva li jiehu hsieb izid dan l-attrezzament.

## 14.0 L-Uzu tal-picc tal-futbol fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li matul ix-xhur tas-Sajf, ikun hemm hafna tfal li jaghmlu uzu mill-picc sintetiku minhabba li jkunu bil-vakanzi.

14.2 Ghalhekk, huwa ppropona li l-Kunsill ma jibqax jikri l-picc sintetiku bejn l-1 ta' Lulju u t-8 ta' Settembru peress li matul dan iz-zmien, il-picc ikun qed jintuza hafna mit-tfal Furjanizi. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 15.0 Kunsill Lokali taz-Zghazagh

15.1 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienux ghalqu l-applikazzjonijiet ghal dawk interessati jifformaw parti mill-Kunsill Lokali taz-Zghazagh minhabba li kien jaf persuna li taf tkun interessata.

15.2 Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghandha tivverifika jekk ghalqux l-applikazzjonijiet.

## 16.0 L-istazzjon tal-ferrovija tal-Floriana

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici-Sindku Franco Davies jiftah id-diskussjoni dwar din il-materja minhabba li kien hu li talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda.

16.2 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li flimkien mal-Perit tal-Kunsill, kienu rnexxielhom isibu kopji ta' pjanti tal-istazzjon tal-ferrovija. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'dawn il-pjanti.

16.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa wkoll li l-applikazzjoni tal-Kunsill ghal devoluzzjoni tal-istazzjon tal-ferrovija kienet tehtieg aktar dokumentazzjoni li l-Perit tal-Kunsill kien ghadu qed jahdem fuqha.

## 17.0 Ħwejjeg Oħra

17.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jixtri tea-set formali u tazzi tal-hgieg biex jintuzaw waqt laqghat ufficcjali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill kellu tea-set. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li ghandu jixtri sett tazzi tal-hgieg.

17.2 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li ssir Keep Clear quddiem il-Floriana Nursery sabiex l-entratura tinzamm libera mill-karozzi u jkun hemm access biex ikunu jistghu ihottu jew idahhlu xi materjal fil-klabb. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

17.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li kien qed jinhareg hafna skart u jitpogga fil-kantuniera ta' Triq l-Imhzen. Huwa kompla jghid li l-kuntrattur ta' gbir ta' skart kien informah li l-vettura tal-iscamel kienet kbira u ghalhekk ma kinietx tidhol f'toroq dojoq bhal m' hi din. B'hekk il-kuntrattur kien talab lir-residenti jibdew ihallu l-iskart taghhom fil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li ghandu jinformah li din l-istruzzjoni mhux accettabli u tmur kontra l-ligi u qabel li ghandu jinformah biex jekk il-vettura ma tistax

tghaddi minn din it-triq, kellha tinghata struzzjoni lill-haddiema biex dawn jigbru l-boroz minn quddiem il-bibien tar-residenti kif inhu suppost. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jibghat gwardjan lokali fiz-zona biex jinforma lir-residenti li t-tpoggija ta' boroz fil-kantuniera ma kienitx accettabli u li l-boroz kellhom jithallew fuq l-ghatba tal-bieb.

17.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat mis-Sur Reuben Camilleri li nformah li kien jaghmel kull tip ta' xoghol ta' hadid u li kien ipprovdilu sample ta' tabella tal-isem tat-triq, prezz ta' €60 + VAT. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu nota ta' dan f'kaz li jkun hemm bzonn ta' xi xoghol tal-hadid fil-futur.

17.5 Il-Vici-Sindku Franco Davies informa lill-Kunsill li l-vettura li tintuza mill-kuntrattur ta' gbir ta' skart goff kienet qed tithalla mimlija fi Pjazza E.S. Tonna minghajr ma titbattal. Huwa zied jghid li apparti li din il-vettura mimlija mbarazz kienet qed tkerrah, kien hemm xi nies li kienu japprofittaw mis-sitwazzjoni u jarmu iktar skart hdejha. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-kuntrattur li l-vettura ghandha titbattal kuljum u titnehha minn din it-triq mill-aktar fis u f'kaz li jonqos milli jaghmel dan, il-Kunsill qabel li jikkunsidra li jitterminalu l-kuntratt. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinforma lill-Pulizija li dan il-vann kien bla licenzja, mahmug, u kien qed jithalla f'post pubbliku mimli mbarazz u materjal domestiku.

17.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret lill-Kunsill fil-kameras tas-sigurta' li kienu gew installati fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V u ssuggeriet li l-Kunsill jikkuntattja lil min hu responsabbli biex dawn il-kameras ikunu jistghu jibdew jiffunzjonaw kif kien ippjanat. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li minhabba li l-Kunsill kellu sistema ta' network tal-Gvern, ma kienx possibli li jsir monitoring mid-Dar tal-Kunsill kif kien mixtieq minhabba restrizzjonijiet ta' tan-network fis-sistema tal-MITA. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jinstalla linja separata tal-internet ma' operatur privat sabiex ikun jista' jsir remote monitoring mid-Dar tal-Kunsill stess.

17.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ipproponiet li l-Kunsill japplika biex ikun hemm zieda ta' dawl fi Triq San Frangisk. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

17.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jinstalla zewg rifletturi temporanji mal-maisonettes li hemm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi sakemm isir il-progett ta' dawl gdid fi Gnien Vilhena. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minhabba li l-problema ta' dawl fi Gnien Vilhena kellha tissolva anke peress li l-inginier imqabbad mill-Kunsill kien qed jevalwa s-sitwazzjoni.

17.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li l-Floriana F.C. kienu qed jorganizzaw harga ghal Kemmuna u pproponiet li l-Kunsill jiehu hsieb it-trasport. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## <u>18.0 Aġġornament tal-laqgħa</u>

18.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru 2011 fis-1.30pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6.20pm.

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |